**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 445/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Silvestra Silvia Scerri**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellata **Silvestra Silvia Scerri**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 262264(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli bejn ix-xahar ta' Ottubru 2020 u Frar tas-sena 2021 ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. kisret l-Ordni ta' Sekwestru hekk kif maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. datat nhar il-21 ta'

Settembru 2020 u dan in kwantu ta' depożitu ta' żewġ (2) ċekkijiet ġewwa l-fergħa tal-Maltapost fl-ammont ta' elf, mitejn u sittin Euro (€1,260.00) u elf, mitejn u tnejn u sittin Euro (€1,262.00).

(Artikoli 4(6), 4(6A) u 4(10) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minnha lliberatha.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fil-15 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***<u>tħassar u tirrevoka</u>*** *s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq f'dan l-umli appell, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell tal-appellant Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Novembru 2021.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellata allura imputata kellha imputazzjoni li hija kienet kisret Ordni ta' Sekwestru li kien inħareġ mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fil-21 ta' Settembru 2020 u dan in kwantu ta' depożitu ta' żewġ ċekkijiet ġewwa l-fergħa tal-Maltapost fl-ammonti aktar 'il fuq imsemmija.

Illi huwa sinjifikanti li jiġi nnutat li fiċ-ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni ndikat Artikoli 4(6), 4(6A) u 4(10) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Artikolu 4(6) jiddisponi li l-Avukat Ġenerali jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal Ordni ta' Sekwestru bid-dettalji ndikati taħt is-subparagrafi (a), (b) u (ċ) tal-istess sub-Artikolu;

- Artikolu 4(6A) jiddisponi kif ġej:

> "Meta jkun intgħamel jew ikun intalab ordni ta' sekwestru, kull min, għax ikun jaf jew ikollu suspett li l-ordni ta' sekwestru jkun hekk intgħamel jew intalab, jiżvela xi ħaġa li x'aktarx tippreġudika l-effetti ta' dak l-ordni jew ta' xi investigazzjoni li jkollha x'taqsam magħha, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fi proċedimenti dwar reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jġib provi favur tiegħu li ma kienx jaf jew kellu xi suspett li dak il-kxif x'aktarx li kien jippreġudika l-investigazzjoni jew l-effetti ta' dak l-Ordni ta' Sekwestru.'

- Artikolu 4(10) jiddisponi hekk:

"Kull persuna li tikser ordni ta' sekwestru tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta r-reat ikun jikkonsisti fil-ħlas jew konsenja lil xi persuna mis-sekwestratarju ta' xi flus jew proprjeta' mobbli oħra sekwestrata kif provdut fis-subartikolu (6)(a) jew ikun jikkonsisti fit-trasferiment jew tneħħija ta' xi proprjeta' mobbli jew immobbli mill-persuna suspettata bi ksur tas-subartikolu (6)(ċ), il-multa għandha dejjem tkun mill-inqas id-doppju tal-valur tal-flus jew proprjeta' in kwistjoni:

Iżda wkoll kull att li hekk isir bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti jkun null u bla ebda effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna suspettata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjeta' mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti."

Illi fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

"Għal dawn ir-raġunijiet u in vista ta' dan kollu fuq espost, il-Qorti wara illi rat l-akkuża miġjuba kontra l-imputata, il-fatti mressqa quddiemha li allegatament taw lok għal dawn il-proċeduri, l-atti tal-kawża, il-provi miġjuba u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi addebitati lill-imputata, tqis illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tilħaq il-livell tal-prova rikjest mil-liġi fil-kamp kriminali u ċioè dak tal-prova mingħajr dubju raġonevoli, tqis ukoll li l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aqwa prova sabiex tinstab ħtija fl-imputata u konsegwentament ma ssibx ħtija fl-imputata u tillibera lill-imputata mill-akkuża miġjuba kontra tagħha."

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq aggravju wieħed. Huwa jisħaq li l-appellata kienet kisret Ordni ta' Sekwestru maħruġa fil-konfront tagħha permezz ta' depożitu ta' żewġ ċekkijiet. Huwa jissottometti li l-appell huwa fuq punt ta' dritt. Huwa jiċċita s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 130 *et seq.*):

"Illi l-Prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tipproduċi mill-ġdid bħala xhud tagħha lill-Assistent Reġistratur Franklin Calleja u ssottomettiet illi **stante li l-Ordni ta' Sekwestru skadiet**, ir-Reġistratur jista' jesebixxi l-istess.

[...]

Il-Qorti, stante illi l-Assistent Reġistratur Franklin Calleja kien diġa' ta x-xiehda tiegħu u għalhekk il-Prosekuzzjoni kienet għalqet l-eżami tiegħu, fejn huwa xehed li ma setax jeżebixxi tali Ordni mingħajr l-awtorizzazzjoni relattiva mill-Qorti li ħarġet l-istess Ordni u stante li l-Prosekuzzjoni ma komplietx teżamina lix-xhud dwar jekk tali pożizzjoni hix relattiva għall-fatt jekk tali Ordni tkunx għadha fis-seħħ jew le waqt illi huwa kien fuq il-pedana tax-xhieda, stante illi l-Kap. 373 ma jagħmilx

distinzjoni dwar jekk l-Ordni ta' Sekwestru jkunx għadu attiv jew le, stante li l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx a bażi ta' liema Artiklu tal-liġi kienet qed tagħmel tali sottomissjoni u a bażi ta' liema Artiklu tal-liġi kienet qed titlob illi terga' tipproduċi l-imsemmi xhud, stante illi dawn huma proċeduri sommarji fejn il-partijiet għandhom iressqu l-provi tagħhom kollha f'seduta waħda, il-Qorti ċaħdet it-talba għar-riproduzzjoni tal-imsemmi xhud." [emfażi miżjuda tal-Avukat Ġenerali ]

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali jikkwota Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Meta jkun sar jew intalab ordni ta' investigazzjoni, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li tkun **qed issir** investigazzjoni, **jikxef illi qegħda ssir investigazzjoni jew jikxef xi ħaġa oħra li tista' tippreġudika l-imsemmija investigazzjoni** jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien." [emfażi miżjuda tal-Avukat Ġenerali ]

Illi skont l-Avukat Ġenerali dan is-sub-Artikolu kkwotat hawn fuq ma kellux jiġi kkunsidrat ladarba kienet intemmet l-investigazzjoni.

Illi fir-rigward tal-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali din il-Qorti tinnota li mid-diċitura li ntużat fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellata jidher li l-Prosekuzzjoni kellha f'moħħha l-ksur tal-Mandat ta' Sekwestru u mhux il-kxif tal-investigazzjoni. Isegwi li Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u li ġie ċitat mill-Avukat Ġenerali m'għandux x'jaqsam ma' l-imputazzjoni. Għandu jingħad li l-appellata allura imputata kellha twieġeb biss għall-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha.

Illi, apparti dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tinnota li l-parti tas-sentenza appellata li l-appellant Avukat Ġenerali jiċċita fir-Rikors tal-appell tiegħu u li ġiet riprodotta aktar 'il fuq f'din is-sentenza hija dwar jekk il-Qorti kellhiex tħalli lill-Prosekuzzjoni terġa' ttella' jixhed lil Assistent Reġistratur Franklin Calleja. Mill-bran ċitat jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet qed tikkunsidra dan il-punt u kkonkludiet li dan ma setax isir.

Illi minn naħa l-oħra jidher li l-prova li kien inħareġ il-Mandat ta' Sekwestru msemmi fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellata allura imputata qatt ma ġiet imressqa. Il-preżentazzjoni tad-dokument in kwistjoni kellha importanza kbira fil-proċeduri ġialadarba l-imputazzjoni hija propju dwar il-ksur ta' dan il-mandat. Din hija prova bażika u ma jirriżultax mill-atti li din saret ukoll jekk fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021 miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti ġie verbalizzat is-segwenti (*a fol.* 5): *"il-Prosekuzzjoni qed tinsisti li l-istess xhud [Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali] huwa f'pożizzjoni li jippreżenta l-istess attachment order minħabba l-fatt li l-istess attachment order mhuwiex in vigore."*

Illi kien jispetta lil Avukat Ġenerali li jitlob li jkun ippreżentat il-mandat in kwistjoni u dana permezz ta' Rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali. Il-fatt li ngħad li l-mandat ma kienx għadu *in vigore* ma jbiddel xejn ġialadarba l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellata hija dwar il-ksur tal-mandat. Din hija prova *sine qua non.*

Illi l-Prosekuzzjoni kienet taf biex kienet ser tixli lill-appellata u kienet taf ukoll li l-proċeduri kienu ser ikunu sommarji u b'hekk hija messha kienet ippreparata qabel ma marret bil-provi quddiem l-Ewwel Qorti. Huma dawn il-punti li kienet qed tikkunsidra l-Ewwel Qorti fil-parti tas-sentenza appellata li ġiet ċitata aktar 'il fuq b'dan illi r-riferenza li għamel l-Avukat Ġenerali għal Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandha ebda effett

fuq id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**